# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

**MAĠISTRAT DR. NOEL BARTOLO**
**B.A. M.A.(Fin. Serv.) LL.D.**

**Illum, 18 ta' Ġunju 2024**

**Mandat ta' Inibizzjoni Numru 960/2024/1 NB**

**fl-ismijiet:**

**Martan Limited (C-6551)**

**vs**

**DJRL Dance Limited (C-37882), Dominic Micallef KI 0140181(M) u Signature Entertainment Festivals Limited (C-84988)**

**Il-Bord,**

## I. <u>PRELIMINARI</u>

**Ra r-rikors tal-5 ta' Ġunju 2024** u d-dokumenti annessi fejn għar-raġunijiet hemm indikati s-socjeta rikorrenti talbet lil dan il-Bord sabiex izomm lill-intimati milli:

*"kemm b'mod dirett jew b'mod indirett tramite terzi milli tagħmel kwalsiasi attivita ta' kwalsiasi xorta fil-fond mgħaruf bħala 'ARIA' (gja 'The Stitch') li jinsab fi Triq il-Għargħur, l-Iklin".*

**Ra d-Digriet tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2024 (fol 268)** li bih il-Bord laqa' provvizorjament it-talba tas-socjeta rikorrenti u filwaqt li ordna n-notifika tal-istess rikors lill- intimati b'terminu ta' għaxart (10) ijiem għar-risposta, appunta l-istess għas-smiegħ għas-seduta tas-17 ta' Ġunju 2024 fil-11.30am.

**Ra l-verbal tas-seduta tas-17 ta' Ġunju 2024 (fol 272) fejn deher l-Av. Franco Galea għas-soċjeta rikorrenti u deher ukoll l-intimat Dominic Micallef assistit mill-Av. Ian Stafrace u Joseph Camilleri li ta' ruħu b'notifikat bil-Mandat għall-intimati kollha u l-Av. Stafrace ppreżenta t-tweġiba tal-intimati kollha.**

**Ra t-tweġiba tal-intimati u d-dokumenti annessi ppreżentata fis-17 ta' Ġunju 2024 (fol 273 *et seq*) fejn għar-raġunijiet hemm imfissra l-intimati opponew għat-talba tar-rikorrenti u sostnew li ma jissussistux l-elementi meħtieġa sabiex dan il-Mandat t'Inibizzjoni jigi milqugħ u għalhekk talbu li jigi miċħud bl-ispejjeż.**

**Ra n-nota tas-socjeta rikorrenti ppreżentata waqt l-udjenza tallum.**

**Sema t-trattazzjoni orali (reġistrata) tad-difensuri tal-partijiet waqt l-udjenza tallum.**

**Ra li r-rikors ġie pospost għallum stess għall-provvediment kamerali.**

**Ra l-atti proċesswali kollha u d-dokumenti esebiti.**

**II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>**

Illi jirrizulta li s-soċjeta rikorrenti hija s-sid tal-istabbiliment magħruf bħala 'ARIA' gja 'The Stitch' li jinsab fi Triq il-Għargħur, Iklin liema stabbiliment hija kriet lis-socjeta intimata DJRL Dance Limited permezz ta' ftehim datat 2 ta' Novembru 2021 (Dok A).

Fir-rikors tagħha s-socjeta rikorrenti tispjega li huwa meħtieġ li jinħareġ dan il-mandat sabiex tikkawtela d-drittijiet taghha billi (i) hija ġiet a konjizzjoni tal-fatt illi s-socjeta intimata DJRL Dance Limited issullokat il-fond lokat lis-socjeta intimata l-oħra Signature Entertainment Festivals Limited meta dan hu pprojbit skond il-ftehim lokatizju; (ii) is-socjeta konvenuta DJRL Dance Limited wettqet xogħolijiet illegali fil-fond lokat li wasslu għall-ħruġ ta' ordni ta' infurzar mill-Awtorita tal-Ippjanar kontra s-soċjeta rikorrenti b'impozizzjoni ta' penali ġornaljiera (Dok C) liema xogħolijiet illegali, l-istess socjeta intimata DJRL Dance Limited intrabtet li tneħħi, iżda li għalkemm interpellata diversi drabi, hija naqset milli tneħħi, bir-riskju illi l-permess sanatorju ottjenut mis-socjeta rikorrenti jiġi revokat jekk l-intimati ma jiġux inbiti kif mitlub.

Is-socjeta rikorrenti tgħid ukoll li hija m'għandiex is-serhan tal-moħħ li tista' tirkupra l-penali li qed jiġu mposti kaġun tax-xogħolijiet illegali u/jew id-danni li qeda ssoffri peress illi s-socjeta intimata DJRL Dance Limited ilha ma

tippreżenta l-*accounts* tagħha lill-*Malta Business Registry* sa mit-2018 u di piu l-mandati ta' sekwestru li ġew preżentati ma ħallew ebda frott.

Tgħid ukoll li kontestwalment mal-mandat *de quo* hija pproċediet bl-opportuna kawża fil-mertu fejn qed titlob it-terminazzjoni tal-kirja u l-konsegwenti żgumbrament minn gewwa l-istabbiliment in meritu.

Minn naħa tagħhom l-intimati jeccepixxu illi: (i) l-intimat Dominic Micallef *proprio* m'għandu ebda rapport mar-rikorrenti iżda deher biss bħala garanti tas-socjeta inkwilina DJRL Dance Limited u kwindi m'għandux *locus standi*; (ii) ma jeżistux ir-rekwiżiti necessarji sabiex jintlaqa l-mandat billi ma nġabitx prova ta' pregudizzju irrimedjabbli bħal per eżempju fejn jekk ma jintlaqax il-mandat ser jiggarraf xi bini u jista jmut xi hadd, iżda jekk hemm preġudizzju dan jikkonsiti f'danni pekunjarji; (iii) mhux minnu li s-socjeta DJRL Dance Limited issullokat il-fond lokat lis-socjeta intimata l-oħra Signature Entertainment Festivals Limited bi ksur tal-ftehim lokatizju billi din l-aħħar soċjeta hija biss promotur tal-*events* u fi kwalunkwe każ tali lanjanza hija semmai kwistjoni ta' mertu fil-kawża u mhux ta' mandat bħal dan; u (iv) kwantu għall-ordni ta' infurzar tgħid li din ukoll hija semmai kwistjoni ta' mertu fil-kawża u mhux tal-mandat iżda li in ogni każ issostni li m'hu minnu xejn li l-ordni ta' infurzar huwa riżultat ta' xi illegalitajiet mwettqa fil-fond mill-intimata inkwilina.

Waqt it-trattazzjoni fis-seduta tallum id-difensur tas-soċjeta rikorrenti spjega li dan il-mandat qed jintalab sabiex l-intimati jitwaqqfu milli jagħmlu kwalsiasi attivita fil-fond in meritu. Huwa jispjega illi bejn ir-rikorrenti u s-socjeta DJRL Dance Limited hemm kuntratt ta' lokazzjoni li jivvjeta s-sullokazzjoni u issa l-istess socjeta rikorrenti ġiet a konjizzjoni tal-fatt li l-inkwiina DJRL Dance Limited issullokat il-fond lokat lis-socjeta intimata l-oħra Signature Entertainment Festivals Limited. Jgħid li tħares kif tħares lejha l-attivita li qeda twettaq Signature Entertainment Festivals Limited fil-fond in meritu hija sullokazzjoni skond l-artikolu 1614(2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid ukoll illi jirriżulta mid-dokumenti esebiti li s-socjeta Signature Entertainment Festivals Limited tippreżenta ruħha bħala l-operatur oltre li kienet l-intimata inkwilna stess li talbet lis-socjeta rikorrenti sabiex toħroġ il-fatturi relattivi lill-Signature Entertainment Festivals Limited. Finalment jgħid li għandu jkun paċifiku li s-soċjeta Signature Entertainment Festivals Limited ma tgawdi minn ebda titolu fuq il-fond *vis-a-vis* s-socjeta rikorrenti.

Fir-rigward tal-illegalitajiet li jinsabu fil-fond in meritu d-difensur tas-soċjeta rikorrenti jgħid li s-soċjeta intimata DJRL Dance Limited wettqet xogħolijiet illegali fil-fond lokat li wasslu għall-ħruġ ta' ordni ta' infurzar mill-Awtorita tal-Ippjanar b'impozizzjoni ta' penali ġornaljiera u liema xogħolijiet illegali l-

intimata inkwilina ntrabtet li tneħħi iżda li għalkemm interpellata naqset milli tneħħi bir-riskju li l-permess sanatorju ottjenut mis-socjeta rikorrenti jaf jiġi revokat b'dannu irrimedjabbli għar-rikorrenti.

Minn naħa tagħhom id-difensuri tal-intimati fit-trattazzjoni tagħhom sostnew li l-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Dominic Micallef personalment ma jistax ikollu eżitu favorevoli billi hu biss garanti u ma jistax jigi mwaqqaf proprju għaliex hu m'hu qed jagħmel ebda attivita fil-vesti personali; fir-rigward tas-socjeta DJRL ukoll ma jistax jintlaqa għax hija l-inkwilina tal-post bil-kirjiet fatturati kollha mħallsa u fir-rigward tas-soċjeta Signature Entertainment Festivals Limited din hija biss *events manager* u *dato ma non concesso* li verament tissussiti s-sullokazzjoni s-socjeta rikorrenti m'hu se ssoffri ebda pregudizzju rrimedjabbli anke meta wieħed iqis li s-socjeta rikorrenti stess saħansitra rċeviet pagament ta' kera maħrug minn Signature Entertainment Festivals Limited.

Fir-rigward tal-allegati xogħolijiet illegali d-difensuri tal-intimati spjegaw li fis-sena 2009 ħarġet *enforcement notice* 749/09 bl-ewwel nuqqas huwa indikat li '*tneħħiet iż-żona tal-parkeġġ u minflok inbniet tinda biex b'hekk kibret iż-żona kummercjali u l-post inqasam f'aktar minn stabbiliment wieħed*'. Fil-fatt ġie spjegat illi l-fond ġie maqsum fi tnejn u filwaqt li r-rikorrenti żammet parti mill-fond għaliha, il-parti l-oħra ingħatat lill-intimata DJRL. Raymond Desira (direttur tas-socjeta rikorrenti) daħħal applikazzjoni numru 3934/09 fejn talab sanzjonar tax-xogħolijiet iżda din l-applikazzjoni ġiet eventwalment irtirata mill-istess Desira wara numru ta' snin.

Sussegwentement l-istess Desira daħħal applikazzjoni oħra bħala s-sid fejn indika l-*area* mikrija lill-intimata DJRL u talab biex jissanzzjona l-illegalitajiet li kien hemm fil-parti li kienet żammet ir-rikorrenti għaliha filwaqt li ntrabat li jneħħi l-illegalitajiet li kienu jinsabu fil-parti mikrija lill-intimata DJRL mingħajr ma nforma lill-Awtorita li dik il-parti li qed jintrabat li jneħħi kenet fil-fatt mikrija lill-intimata DJRL. Il-permess mitlub inħareġ bl-obbligu li Desira jneħħi l-illegalitajiet li kienu jinsabu fiż-żona mikrija lill-DJRL u issa qed jakkuża lill-intimata li ser tippregudikalu l-permess meta kien hu stess li fassal l-applikazzjoni bil-mod kif saret. Id-difensuri tal-intimati jissottomettu għalhekk li l-kwistjoni tax-xogħolijiet illegali mhiex għajr konsegwenza tal-fatt li r-rikorrenti stess għażlet li taqsam il-fond fi tnejn. Izda apparti minn hekk anke jekk il-Mandat jiġi milqugħ mhux il-każ li l-illegalitajiet ser jieqfu għaliex bħala stat ta' fatt is-socjeta rikorrenti ma tista' tgħamel xejn biex tneħħi l-illegalitajiet li ntrabet li tneħħi fil-permess li ottjeniet billi s-sit in kwisjoni hu mikri lill-intimata DJRL u t-tinda tinsab fil-pussess tal-parti mikrija lill-DJRL u għalhekk il-lanjanza attrici li l-mandat hu meħtieġ li jintlaqa sabiex jitwaqqfu l-illegalitajiet

u ma jiġix pregudikat il-permess tar-rikorrenti hija bla bażi għaliex l-Awtorita tal-Ippjanar ma talbitx it-twaqqif tal-operat iżda li jitneħħew l-illegalitajiet.

***IKKUNSIDRA***

Is-socjeta rikorrenti qeda tittenta r-rikors odjern għal ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni ai termini tal-artikolu 873 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dan jgħid hekk:

***873.(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.***

***(2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet***

Il-Bord jgħamel referenza għall-provvediment mgħoti mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti **tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 261/2012 MCH fl-ismijiet *Blye Engineering Co. Ltd vs Visa Investments Ltd* datat 17 ta' Mejju 2012** fejn intqal hekk:

> *"Premess li l-għan ta' talba għal ħrug ta' mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista tkun ta' ħsara jew pregudizzju lil parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Bil-ligi jeħtieġ li r-rikorrenti juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi li l-mandat huwa meħtieg biex jitharsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrenti tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu ir-rikorrenti ser isofri preġudizzju; it-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu prima facie dawk il-jeddijiet. Dawn iż-żewg elementi huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wiehed minn dawn iż-żewg elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak; inoltre huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan għaliex il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju isir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.*

Mis-suespost jemerġi mill-aktar ċar li bħala l-ewwel rekwiżit sabiex tintlaqa' t-talba tagħha r-rikorrenti hi obbligata tagħmel il-prova li *prima facie* hi għandha jedd li jeħtieġ tutela.

Kif intqal fil-provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-**Mandat t'Inibizzjoni numru 432/12 JZM fl-ismijiet *Events Services (P1019) et vs Public Broadcasting Services Limited (C 13140) et* deciz fis-16 ta' April 2021**:

> *"….din il-Qorti trid tgħid illi proċedura bħal dik tallum hija ntiża illi tkun sommarja.*
>
> *…… ghall-fini ta` dan il-procediment, mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem din il-Qorti kulma għandu jew jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd pretiz jew kontestat.*
>
> *Mela unikament għall-fini tal-akkoljiment o meno tat-talba, mhux kompitu ta' din il-Qorti li tqis il-pretensjonijiet tal-partijiet fil-mertu. U hekk għandu jkun għaliex hadd mill-partijiet ma jista' jew m'ghandu jippretendi li mad-"daqqa t'għajn" għandha tkun propju din il-Qorti li tiddeciedi hi bil-proċedura speċjali u partikolari tal-Mandat ta' Inibizzjoni dak li jispetta lil haddiehor illi jagħmel fil-mertu.*
>
> *Dan kollu qed jingħad sabiex il-kontendenti jifhmu li l-mansjoni ta' din il-Qorti mhuwiex li tiddeciedi hi finalment dwar il-pretensjonijiet tagħhom fil-mertu iżda huwa limitat u ċirkoskritt sabiex tara jekk huwiex sodisfatt dak li trid il-ligi sabiex ikun operattiv Mandat ta' Inibizzjoni.*
>
> *Din il-Qorti trid tghid ukoll in linea ta` principju illi sew jekk tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat sew jekk talba tkun miċħuda, dak ma jfissirx li l-jedd huwa pruvat inkella l-jedd pretiż ma jeżistix. Dik hija materja li taqa` fl-isfera ta` kompetenza ta` dik il-qorti li tkun trid tqis u tiddeċiedi l-mertu".*

Applikat dan l-insenjament għal-każ tallum, il-Bord wara li ra l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, u wara li qies l-assjem tal-provi dokumentarji esebiti f'dawn l-atti mill-lenti *prima facie* u wara li sema' s-sottomissjonijiet tad-difensuri tal-partijiet, huwa tal-fehema li mad-daqqa t'ghajn is-socjeta rikorrenti tidher li oġġettivament għandha jeddijiet li jeħtieġu ħarsien naxxenti mill-kuntratt lokatizju ta' bejnha u s-soċjeta intimata inkwilina DJRL Dance Limited. Għalhekk il-Bord iqis li fil-konfront tal-intimata DJRL Dance Limited l-ewwel element ravvizat *supra* jinsab soddisfatt.

Iżda dan mhux l-istess fil-konfront tal-intimat l-ieħor <u>Dominic Micallef personalment</u> stante li ħareg ċar li hu biss garanti tal-inkwilina u ma jikkonfigura mkien bħala li b'xi mod wettaq jew ser iwettaq attivitajiet fil-fond in meritu.

Fir-rigward tal-intimata l-oħra Signature Entertainment Festivals Limited il-Bord ukoll iħoss illi ma hemmx dritt *prima facie* li jeħtieġ jiġi kawtelat bil-ħruġ ta' Mandat t'Inibizzjoni. Dan għaliex fl-ewwel lok il-Bord iqis illi d-determinazzjoni ta' jekk l-istess soċjeta għandiex o meno d-dritt topera l-fond in meritu jew b'liema vesti u sa liema punt hija talvolta involuta fl-operazzjoni kummercjali tal-istabbiliment in meritu hija materja li taqa' fl-isfera ta' kompetenza tal-qorti li ser tkun qed tisma u tiddeċiedi l-każ fil-mertu u ċertament mhux il-mansjoni ta' dan il-Bord f'dawn il-proċeduri li kif ingħad hu mistenni bil-liġi li jqis il-kwistjoni biss mill-lenti *prima facie*.

Iżda aktar minn hekk il-Bord iqis ukoll illi fil-konfront tal-istess soċjeta intimata Signature Entertainment Festivals Limited ma hemmx l-element tal-*prima facie* għaliex fis-seduta tallum id-difensuri tal-intimati ddikjaraw li l-istess soċjeta intimata Signature Entertainment Festivals Limited mhijiex ser topera mill-istabbiliment mertu ta' dan il-mandat. Dan il-verbal jikkostitwixxi ftehim u rabta mal-Qorti u għalhekk il-Bord jgħaraf li ma hemmx dritt x'jiġi kawtelat proprju għaliex is-socjeta in kwistjoni intrabtet li mhux ser tkun qeda topera mill-fond u kwindi m'hemmx minn x'hiex tiġi inibita.

Fir-rigward tat-tieni rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa risaput li dan huwa l-element tal-'pregudizzju'. Dan pero' mhuwiex pregudizzju kwalunkwe:

> *"Anzi jrid ikun pregudizzju rrimedjabbli. Dan ghaliex il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz procedurali eccezzjonali ta' provvediment legali. Fejn persuna ghandha rimedji ohra li bihom tista` thares il-jeddijiet taghha, hija ghandha tirrikorri ghal dawk qabel tittenta din il-procedura. Il-harsien li l-ligi timmira ghalih huwa dak li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem u b'mod irrimedjabbli.*
>
> *Kif diga` nghad, dan ma jfissirx illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bhalma lanqas ifisser illi l-fatt li talba ghall-hrug ta' l-Mandat ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiz ma jezistix. Ghall-fini tat-tieni rekwizit, l-accertament li trid taghmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-ghemil li minnu qieghed jibza' r-rikorrent, jistax jintilef darba ghal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li ghandu fil-waqt li hareg it-talba ghall-hrug tal-Mandat"[1].*

Applikat dan l-insenjament ġurisprudenzjali għal każ *de quo* l-Bord iqis li dan it-tieni element ma jeżisitix. Il-Bord hu tal-fehema li t-talba għal ħruġ tal-mandat

[1] Provvediment tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-atti tal-Mandat t'Inibizzjoni numru 432/12 JZM fl-ismijiet Events Services (P1019) et vs Public Broadcasting Services Limited (C 13140) et deciz fis-16 ta' April 2021

f'dan il-każ hija marbuta mal-proċeduri fil-mertu ppreżentati mill-istess soċjeta rikorrenti kontra l-istess intimati fejn qed titlob it-terminazzjoni tal-kirja u l-eventwali żgumbrament. Il-premessi u t-talbiet fl-imsemmija proċeduri huma lkoll marbuta ma allegata sullokazzjoni mhux konsentita u allegati xogħolijiet illegali li għalkemm is-soċjeta intimata DJRL obbligat ruħha tneħħi ma neħħietx abbazi ta' liema nuqqasijiet ir-rikorrenti qeda tippretendi x-xoljiment tal-kirja. Dan kollu għad irid jiġi mistħarreġ fil-kawża fil-mertu.

Il-Bord josserva li f'kaz li r-rikorrenti kellha tirnexxi f'dawk il-proċeduri w għalhekk tiġi terminata l-kirja w ordnat l-izgumbrament mill-fond in meritu, ir-rikorrenti m'hiex sejra ssofri pregudizzju irrimedjabbli jekk il-mandat ma jintlaqax, billi l-pretenzjonijiet tagħha fl-assiem tagħhom huma riduċibbli f'talba għad-danni u semmai riżarċibbli pekunjarjament u għalhekk il-pregudizzju li talvolta tista ssofri r-rikorrenti f'dan il-mument – jekk il-mandat ma jigix akkolt – mhuwiex wiehed irrimedjabbli u kwindi l-mandat mhux meħtieg.

Apparti minn hekk il-Bord josserva li nonostante l-allegazzjoni ta' sullokazzjoni favur is-socjeta Signature Entertainment Festivals Limited liema sullokazzjoni is-socjeta rikorrenti tgħid m'hiex waħda konsentita fil-ftehim, fl-istess ħin irriżulta *prima facie* li r-rikorrenti rċeviet ħlas ta' kera, anke jekk ta' darba, mingħand l-istess Signature Entertainment Festivals Limited.

Apparti minn hekk il-Bord iqis ukoll illi kif tajjeb spjegaw id-difensuri tal-intimati, fiċ-ċirkostanzi kif jemerġu mad-daqqa t'għajn, mhux il-każ li jekk jintlaqa l-Mandat ser jitwaqqfu jew jiġu ssanati l-illegalitajiet li minnhom qed tilmenta l-attriċi u/jew ma jiġix preġudikat il-permess tar-rikorrenti peress illi it-twaqqif tal-operazzjoni tal-istabbiliment ma jidher li għandu ebda impatt fuq l-istess sanzjonar u fi kwalunkwe każ anke jekk il-kontinwazzjoni tal-operazzjoni tal-istabbiliment issarraf fi preġudizzju fid-drittijiet tar-rikorrenti tali preġudizzju mhux wieħed irrimedjabbli kif fuq spjegat.

Għalhekk il-Bord iqis li t-tieni element meħtieġ għal ħrug tal-Mandat t'Inibizzjoni huwa nieqes ma ġiex soddisfatt.

## III. <u>KONKLUŻJONI</u>

Għal dawn ir-raġunijiet il-Bord qiegħed jiddeċiedi billi:

Filwaqt li jirrevoka *contrario imperio* d-Digriet preċedenti tiegħu tal-5 ta' Ġunju 2024 fejn kien laqa' provviżorjament t-talba tar-rikorrenti, qiegħed jiċħad it-talba tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat t'Inibizzjoni *de quo* billi ma jirriżultawx l-elementi kollha mitluba mill-Liġi għall-ħruġ tiegħu.

Spejjeż a karigu tas-socjeta rikorrenti.

**Mogħti kameralment illum, 18 ta' Ġunju, 2024.**

**Noel Bartolo**
**MAĠISTRAT**

**Marisa Buġeja**
**Deputat Reġistratur**